



minn Anton Attard

*Minn Ġrajjet il-Banda Prince of Wales Own*

# Id-Debutt tas-Surmast Jean Gatt

Fl-1922, wara tmien snin ta' stabbiltà, il-Banda Vittoriosana *Prince of Wales Own* ġiet f'qagħda li jkollha tfittex surmast direttur ġdid. Dik il-ħabta, il-qagħda ekonomika f'Malta xejn ma kienet tajba u s-surmast Taljan Monterosso, li kien ilu fid-direzzjoni tal-Banda mill-1914, beda jsibha diffiċli li jgħix komdu bid-dħul li kellu hawn Malta. Fl-istess ħin, il-baned li kien jidderieġi, minħabba n-nuqqas ta' dħul, ma kienx posibbli li jgħollulu s-salarju. B'hekk, kien iddeċieda li jmur lura fi Sqallija, fejn ftit wara ngħata d-direzzjoni tal-Banda ta' Aci Catena.

## L-Għażla ta' Mro. Jean Gatt

Biex jimla n-nuqqas tiegħu, il-Kumitat ta' l-Għaqda Prince of Wales ħareġ avviżi f'diversi ġurnali għal kariga ta' surmast direttur u kien hemm tweġiba tajba għax wieġbu ħamsa. Kienu V. Ciappara, G.Parisi, L.Gonzi, A. Galea, G.Magri u Spiteri. Iżda min għal raġuni u min għal oħra, ebda wieħed minnhom ma ġie aċċettat. B'hekk, il-kumitat iddeċidea li jgħaddi d-direzzjoni tal-Banda, temporanjament, lil Aurelio Doncich, direttur tal-Banda *King's Own*. Ħatra temporanja li ġibdet sentejn sħaħ[1].



*Mro. Jean Gatt*

Billi dik il-ħabta uħud mill-Baned bdew jippreferu surmast barrani, jingħad li fl-1924, Doncich irrikmanda lil Mro. Giuseppe Leonardi, li kien direttur tal-Banda tal-Muniċipju ta' Buenos Aires, iżda t-trattativi fallew. Fl-14 ta' Diċembru ta' l-istess sena, kien intlaħaq ftehim ma' ħaddieħor. Fis-26 ta' Diċembru ta' l-1924, tħabbret uffiċjalment il-ħatra ta' Mro. Jean Gatt. Inqisu jum importanti fl-istorja bandistika ta' din il-belt, għax, b'koinċidenza, fl-istess jum u fl-istess ġurnal kienet tħabbret ukoll il-ħatra tal-Ġermaniż Mro. Artz bħala direttur tal-Banda Vittoriosana l-oħra *Duke of Edinburgh*[2].

Meta tħabbret il-ħatra tiegħu, ingħata tagħrif qasir dwaru. Kien inkiteb li Mro. Gatt kien waqqaf u dderiġa, għal 12-il sena, b'abbilta ammirevoli, 'l-Banda *Duke of Connaught* ta' Tunis. Fl-istess ħin, ġie deskritt bħala mużiċista kappaċissimu kemm fit-teknika u kemm fid-direzzjoni, b'karriera brillanti ma' diversi baned barranin. Fl-istess ħin ġie deskritt bħala mużiċista li jippossiedi t-talenti kollha meħtieġa li jsawru surmast direttur kif għandu jkun[3].

## Kunċert f'Bormla



*Il-Garrison School*

Mal-ħatra tiegħu, beda taħriġ intensiv għal kunċert li l-Banda *Prince of Wales Own* kellha tagħti f'Ħadd il-Għid, li fl-1925 ħabat fit-12 ta' April, fis-*St. Margaret School* Bormla, magħrufa aktar bħala l-*Garrison School*. Is-sala kbira ta' din l-iskola, spiss kienet tinkera mill-Għaqda *Prince of Wales* jew mill-Komunità Dumnikana tal-Birgu għal diversi attivitajiet bħal kunċerti mill-Banda, fieri b'riżq il-każin jew il-festa, tejatrin u taħdidiet, b'suġġetti varji. Is-sala ta' din l-iskola kienet intużat għal diversi jiem meta ġie ċċelebrat is-Seba' Ċentinarju mill-mewt ta' San Duminku, fl-1922. Fost oħrajn, fiha kienu saru konferenzi bis-slides, ħaġa mhux tant komuni dawk iż-żminijiet, minn oraturi magħrufa, kemm reliġjużi u kemm lajċi.

Għal dan id-debutt tiegħu, li kien sar taħt il-patroċinju ta' l-imħallef Giuseppe Cremona u l-filantropu Senatur Alfons M. Galea, Mro. Gatt kien ħejja dan il- programm klassiku:

| | | |
|---|---|---|
| Marċ Sinfoniku | Malta Eroica | Jean Gatt |
| Sinfonija | Marcia di Rohan Donizetti | |
| Scene Pittoresce | 1. Marcia | |
| | 2. Arie di Ballet | |
| | 3. Angelus | Massenet |
| | 4. Festa Boema | |
| Fantasia | Guarany | Gomez |
| Selezzjoni | Trovatore | Verdi |
| Inno al Sole | Iris | Mascagni |

Kien programm li rnexxa tassew u kull biċċa ntlaqgħet b'applawsi kbar ma jaqtgħu xejn, l-aktar wara li ntemmu ix-*Scene Pittoresce*, li s-Surmast, fuq insistenza ta' l-udjenza kellu jirrepetihom.

Wara li ntemmet il-fantasija *Guarany*, il-President tal-*Prince of Wales*, Dr. Serafin Vella, flimkien mal-membri tal-Kumitat, sejjaħ lis-Surmast fuq il-palk u waqt li feraħlu għall-progress li għamlet il-Banda taħt id-direzzjoni tiegħu fi żmien hekk qasir, ippreżentalu, f'isem l-ammiraturi tal-Banda u s-soċi, bukkett fjuri mill-isbaħ. Drawwa li tant kienet popolari dak iż-żmien.

## Programm fil-Belt Valletta

Sa minn żmien twil qabel, il-baned kienu, tista tgħid, l-uniku sors mużikali għall-popolin. Kull nhar ta' Ħadd, fil-Belt Valletta, diversi baned ta' fama kienu jkunu mistiedna jagħmlu programmi, l-aktar fi *Piazza Tesoreria*, magħrufa aktar bħala Pjazza Reġina. In-nies kienet tikkonkorri bi ħġara biex tisma, tikkompara u tikkummenta u, meta sodisfatta, tapplawdi u tfaħħar.

Il-programm li l-*Prince of Wales* kienet għamlet fil-*Garrison School* sar magħruf mid-dilettanti kollha. Ħafna kienu ħerqana li jisimgħuh, aktar u aktar meta ġie rrapurtat li Mro. Gatt, lil dil-Banda tal-Birgu, meta jkun meħtieġ, jirnexxielu jittrasforma l-ħoss tagħha

f'wieħed pjuttost orkestrali. Għalhekk ma kenitx sorpriża meta din ġiet mistiedna biex tirrepeti l-programm fi Pjazza Reġina, il-Belt Valletta, minkejja li għal għadd ta' ġimgħat, din il-pjazza kienet ġa assenjata lil baned oħra. Il-kumitat li kien jieħu ħsieb dawn il-programmi fil-Belt, probabbilment fuq insistenza tad-dilettanti, baqa jinsisti mad-diriġenti tal-*Prince of Wales Own* u finalment qablu li dan isir il-Ħamis 23 tax-xahar filgħaxija.

Minkejja li dakinhar kienet ġurnata tax-xogħol, l-attendenza tal-pubbliku kienet kbira sewwa u kull parti tal-programm intlaqgħet b'applawsi fit-tul. Il-kummenti li saru wara l-programm kienu favorevoli ħafna, inklużi dawk li deħru fil-gazzetti. F'wieħed minn dawn li deher jumejn wara inkiteb dan li ġej:

*Fl-esekuzzjoni ta' nhar il-Ħamis, il-Banda Prince of Wales Own issorprendiet lill-aktar dilettanti antiki u lill-mużiċisti l-aktar kapaċi.*

*Dawn bl-akbar entużjażmu esprimew pubblikament is-sodisfazzjon u l-apprezzament tagħhom għall-esekuzzjoni mill-aqwa tal-bandisti u d-direzzjoni impekkabbli tas-surmast Gatt*[4]

Wara li ntemmet is-sinfonija, riduzzjoni tas-Surmast Doncich, Marcia di Rohan, l-Avukat G. Frendo Azzopardi flimkien mal-membri tal-kumitat tal-Banda *King's Own*, ippreżenta lil Mro. Gatt bukkett fjuri u tazza tal-fidda lill-Banda. Warajhom, telgħu fuq il-planċier l-Avukat Serafin Vella, President tal-*Prince of Wales* li ppreżenta bukkett fjuri lil Gatt f'isem l-ammiraturi Vittoriosani tal-Banda u magħhom is-Sur Jean Mifsud, li kif stqarr, kien ġie apposta minn Tunis biex f'isem il-Maltin ta' dik il-belt, iwassal l-awguri u jafferma r-rispett u l-istima li Mro. Gatt kien għadu jgawdi fosthom.

Kif intemm il-programm, membri tal-Każin Malti, entużjasti bil-prestazzjoni eċċellenti tal-Banda frott id-direzzjoni perfetta ta' Gatt, stiednu lis-Surmast flimkien mal-membri tal-kumitat għal riċeviment żgħir fil-każin tagħhom.

Għeluq dan il-jum memorabbli għall-Banda *Prince of Wales* u partikolarment għas-surmast Gatt, sar aktar tard fil-każin, il-Birgu. Waqt riċeviment li kien qed isir fis-swali ta' fuq, tfaċċa l-bravissimu direttur Ġermaniz Karl Maria Artz, surmast direttur tal-Banda *Duke of Edinburgh*, flimkien ma' l-avukat Giovanni Calleja, President ta' l-istess Banda. Kif ġie rrapurtat f'wieħed mill-ġurnali, dawn intlaqgħu b'dimostrazzjoni ta' simpatija bħala rikonoxxenza u apprezzament għaż-żjara tagħhom li, kif stqarru fid-diskorsi qosra li saru, għamluha biex jifirħu lis-Surmast u lill-bandisti għall-wirja stupenda li taw fil-Belt Valletta dik il-lejla[5].

## Bidu Inkoraġġanti

Inkoraġġit minn dawn is-suċċessi, is-surmast Gatt kompla jħarreġ lill-bandisti bis-sistema riġida tiegħu u l-Banda għamlet progress ġmielu. Dan deher sa mill-ewwel sena tiegħu fid-direzzjoni u t-talba għas-servizzi tagħha żdiedu. Iżda ż-żieda fil-popolarita kien hemm waqtiet li ssarrfet f'telf finanzjarju, għax il-ħlas lill-baned għal servizzi fil-festi kien miżeru. Ma kenitx l-ewwel darba li wħud mill-membri tal-kumitat kienu jagħmlu tajjeb għat-telf.

Naħseb li l-aktar jiem li spikka fihom Gatt, minbarra mill-kunċerti li ddebutta bihom, kien fil-festa ta' San Duminku ċċelebrata fl-ewwel sena tiegħu mal-Banda, jiġifieri f'Settembru 1925. Għal waqt il-marċ ta' lejlet il-festa filgħodu, kien ikkompona tmien marċi u kienu biss huma li nstemgħu mat-toroq prinċipali dakinhar. Dawn kienu: *L'Anno Santo, 30 Agosto, Iperia, I Cittadini Vittoriosani, The Victory, Le Paix, L'Amore* u *The Silver Feathers.*

Ftit jiem qabel, fil-festa tal-Bambina fl-Isla, kien semma' għall-ewwel darba l-i*Scherzo Zingaresco*, kompożizzjoni oħra ġdida li ntlaqgħet tajjeb ukoll[6].

## Jasal it-Tmiem

Mro. Gatt kellu l-isfortuna li wasal hawn meta l-każini tal-banda bdew jiddefsu jew ideffsuhom fil-politika. Fihom, qajl qajl bdiet dieħla ċerta firda li magħha nisslet anki bruda. Kien żmien ta' polemiki fost l-istess membri u r-riżenji mill-kumitati kienu spissi. Instabbilta li ġiebet magħha nuqqas ta' servizzi u ħafna apatija. Il-Banda *Prince of Wales Own* ma kenitx xi eċċezzjoni. Jista jkun li kien dan li, wara sitt snin, wassal li, fl-1930, tintemm id-direzzjoni ta' Mro. Gatt. Riżenja jew liċenzja li, għal xi xhur, ġiebet warajha sfrattu sħiħ. Iżda d-dedikazzjoni u l-ħeġġa ta' għadd ta' membri u ammiraturi ma damux wisq ma reġgħu poġġew lill-Banda fuq saqajha mill-ġdid, kif nittamaw li tibqa għall-ġejjieni.

**Referenzi**


1. Azzopardi JC, Minuti mill-Istorja, Programm Festa 2005, p.23
2. Malta, 26 Dicembre 1924
3. Malta Tagħna, 3 ta' Jannar 1925, Malta, 17 Aprile 1925
4. Malta Tagħna, 25 ta' April 1925
5. Idem
6. Malta Tagħna, 29 ta' Awissu 1925



**Ħanut tal-Laħam**

Prop. Mario Mifsud

21, Triq Hilda Tabone, Vittoriosa
Tel: 2180 1581 Mob: 9946 3589

Fejn issibu

*laħam frisk, bajd, tiġieġ*
*u prodotti ffriżati*